

Brussell, 4 ta' Settembru 2026
(OR. en)

11540/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0144 (BUD)

BUDGET 28

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026:
Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti għan-nefqa:
pożizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Settembru 2026

I. INTRODUZZJONI

Fid-9 ta' Ġunju 2026¹, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 2 għall-baġit ġenerali 2026 dwar aġġustamenti kemm fin-naħa tad-dħul kif ukoll dik tan-nefqa tal-baġit².

¹ Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha saru disponibbli fit-22 ta' Ġunju 2026.

² Id-dokument 10212/26.

2. Il-mira ewlenija ta' din il-proposta hija li tiġi aġġornata n-**naħa tad-dħul** tal-baġit biex jittieħed kont tal-aħħar żviluppi fir-rigward ta':

- il-previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi proprji għall-baġit tal-2026 maqbula mill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) fid-29 ta' Mejju 2026. Dan l-aġġornament tipikament jiġi ppreżentat ftit wara l-laqgħa dwar it-tbassir tal-KKRP, f'konformità mal-aspettattivi tal-Istati Membri li l-aġġornamenti tal-KKRP jiġu bbaġitjati malajr kemm jista' jkun;
- id-dħul l-ieħor bħall-multi u l-kontribuzzjoni tar-Renju Unit.

Fir-rigward tan-**naħa tan-nefqa**, l-ABE Nru 2/2026 jinkludi l-elementi speċifiċi li ġejjin:

- tisħiħ tal-approprijazzjonijiet ta' pagament (a/p) ta' EUR 7.6 biljun, li minnhom EUR 3.4 biljun għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), EUR 0.6 biljun għall-Fond ta' Koeżjoni (FK), EUR 1.4 biljun għall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) u EUR 2.2 biljun għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- tisħiħ tar-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 300 miljun f'a/i u a/p biex jiġi pprovdut appoġġ immirat u eċċezzjonali lill-bdiewa li qed jiffaċċaw sfidi severi ta' likwidità b'mod partikolari minħabba ż-żieda fil-kost tal-fertilizzanti;
- tisħiħ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għal ammont ta' EUR 140 miljun f'a/i u a/p biex jiġi żgurat rimborż f'waqtu tan-nefqa tal-FAEG lill-Istati Membri;
- żieda fl-għadd ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal għall-Kummissjoni, tisħiħ tan-nefqa amministrattiva fl-intestatura 7 u tisħiħ tal-linja ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effettiva tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Diġitali Finanzjarja Leġiżlattiva relatata;
- żewġ trasferimenti newtrali għall-baġit mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) lura għall-programm LIFE wara l-irtirar tal-proposta Ewropea għall-monitoraġġ tal-foresti u dewmien fl-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi;

- bidliet fir-rimarki tal-baġit għal-linja baġitarja 02 02 02 (*Garanzija tal-UE mill-Fond InvestEU — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni*) biex tiġi akkomodata l-possibbiltà li l-Istati Membri jikkontribwixxu fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għall-istrument finanzjarju InvestEU, skont ir-Regolament Omnibus II ta' InvestEU.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-ABE Nru 2/2026 fuq in-nefqa jammonta għal żieda ta' EUR 444.2 miljun f'a/i u żieda ta' EUR 8.0 biljun f'a/p.

II. KONKLUŻJONI

Fl-4 ta' Settembru 2026, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 2 għall-baġit ġenerali tal-2026 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.
